MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 162/2008

**Daphne Caruana Galizia (I.D. Card Nru. 450664M) u
Paul Caruana Galizia (I.D. Card Nru. 8989M)**

**Vs**

**Kurt Farrugia**

## Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-atturi permezz ta' liema jitolbu li l-Qorti, prevja dikjarazzjoni li l-kontenut taz-zewg artikoli intitolati "*PN strategists behind university thuggery*" u l-iehor "*Daphne loses temper, threatens journalists during Campus debate*" ippubblikati fil-gurnal elettroniku "maltastar.com" ta' l-20 ta' Frar 2008, huma libelluzi u malafamanti fil-konfront ta' kull wiehed minnhom u ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni ta' kull wiehed minnhom, tikkundanna lill-konvenut, Editur tal-gurnal elettroniku "maltastar.com", ihallas lil kull wiehed minnhom dik is-somma stabbilita Minnha bhala danni morali ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Ligi Dwar l-

Istampa, Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat ir-Risposta tal-konvenut permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) il-premessi u talbiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghhom; (ii) il-pubblikazzjoni imsemmija mill-atturi ma hijiex libelluza fil-konfront taghhom; (iii) il-fatti imsemmija fl-artikoli indikati mill-atturi jikkonsistu f'rappurtagg gurnalistiku dwar materja ta' interess pubbliku attwali accettabli f'socjetà demokratika, kemm taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, kif ukoll taht il-ligijiet ta' l-istampa; (iv) fejn tikkontejni kummenti u opinjonijiet, il-pubblikazzjoni in kwistjoni tikkonsisti wkoll f'espressjoni ta' l-opinjoni u apprezzament, jew *value judgment*, tal-gurnalist u hija *fair comment* maghmul in buona fede fuq materja ta' interess pubbliku, ammissibbli kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa kemm taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem;

Semghet ix-xhieda moghtija mill-attrici waqt is-seduta tal-25 ta' Settembru 2008[1] u rat l-artikolu intitolat "*Daphne loses temper, threatens journalists during Campus debate*" u l-artikolu intitolat "*PN strategists behind university thuggery*" esebiti mill-attrici u markati Dok. "B" a fol. 2 sa' 4 tal-process u Dok. "Z" a fol. 20 sa' 22 tal-process, semghet ix-xhieda moghtija minn Corinne Vella waqt is-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2009[2] u mill-attur Paul Caruana Galizia waqt is-seduta tad-29 ta' April 2009[3], u semghet ix-xhieda moghtija mill-konvenut Kurt Farrugia waqt is-seduti tad-29 ta' April 2009[4], tas-16 ta' Settembru 2009[5], tas-27 ta' Ottubru 2009[6] u tal-21 ta' Jannar 2010[7] u rat id-dokumenti u CDs minnu esebiti u markati Doks. "A", "B" u "C" a fol 39 sa' 85 tal-process, Doks. "FK", "FK1", "FK2" u "FK3"a fol. 89 sa' 94 tal-process;

---

[1] Fol. 18 sa' 19 tal-process.
[2] Fol. 28 sa' 29 tal-process.
[3] Fol. 31 sa' 32 tal-process.
[4] Fol. 33 tal-process.
[5] Fol. 36 sa' 38 tal-process.
[6] Fol. 87 sa' 88 tal-process.
[7] Fol. 96 tal-process.

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna l-atturi jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara l-kontenut taz-zewg artikoli ppubblikati fil-gurnal elettroniku maltastar.com ta’ l-20 ta’ Frar 2008, intitolati “*PN strategists behind university thuggery*” u “*Daphne loses temper, threatens journalists during Campus debate*”, libelluz u malafamant fil-konfront ta’ kull wiehed minnhom u li ghandu bhala skop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta’ kull wiehed minnhom, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut, Editur ta’ l-imsemmi gurnal elettroniku, ihallashom dik is-somma Minnha likwidata bhala danni morali ai termini ta’ l-Artikolu 28 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-konvenut jopponi t-talbiet ta’ l-atturi billi jikkontendi li l-pubblikazzjonijiet imsemmija ma humiex libelluzi u malafamanti fil-konfront taghhom, izda huma rappurtagg gurnalistiku dwar materja ta’ interess pubbliku attwali accettabbli f’socjetà demokratika kemm taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali u l-Ligijiet ta’ l-Istampa, u fejn l-istess pubblikazzjonijiet jikkontejnu kummenti u opinjonijiet dawn jikkonsistu f’*value judgement* u huma *fair comment* maghmula in *buona fede* fuq materja ta’ interess pubbliku, ammissibbli taht l-imsemmija Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali u l-Ligjiet ta’ l-Istampa.

Il-materja ta’ interess pubbliku li ghaliha jaghmel referenza l-konvenut fir-Risposta tieghu hija l-kampanja elettorali antecedenti l-Elezzjoni Generali ta’ l-2008, u partikolarment id-dibattitu li nzamm l-Università ta’ Malta fit-18 ta’ Frar 2008, li ghalih attendew il-kapijiet ta’ l-erba’ partiti politici principali li kienu qed jikkontestaw dawk l-elezzjonijiet. Il-konvenut jikkontendi li l-gurnal elettroniku

maltastar.com kellu mhux biss id-dritt itza d-dmir li jirrapporta dwar dak id-dibattitu u dwar dak li gara waqt l-istess dibattitu, anke fejn jikkoncerna l-atturi. L-atturi jikkontestaw dak pretiz mill-konvenut ghaliex jikkontendu li huma cittadini privati u kienu qed jattendu dan id-dibattitu bhala tali, u ghalhekk il-gurnal maltastar.com ma kellux dritt jirrapporta dwarhom.

Il-Qorti tibda biex tosserva li *skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati f'kazijiet li jkunu ggeneraw interess kbir fil-pubbliku u fejn ikunu nvoluti persuni pubblici, il-limiti tal-kummenti huma wiesghin però hemm dejjem limiti. Tali limiti huma dettati fuq kollox minn dak li hu ragionevoli, minn dak li hu dicenti u minn dak li jista' jkun accettat fis-socjetà in partikolari. Hemm ukoll id-dritt li kull persuna, pubblika o meno, li tigi tutelata kemm fil-persuna taghha kif ukoll fil-fama taghha. Implikazzjonijiet, minghajr fundament, maghmula ghal kwalunkwe raguni, anke possibilment ghal raguni politika, ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta' fatti li qajjmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici. Illi konsistenti ma' dan il-principju jsegwi li kemm-il darba l-fatti hemm allegati ma jirrizultawx li huma veri, allura dak li hemm fihom addebitat lill-attur huma fatti ngurjuzi*[8].

Minn dan il-principju johorgu cari is-segwenti zewg elementi elementi: (i) id-dritt u d-dmir ta' rappurtagg dwar materja li tiggenera interess pubbliku; u (ii) id-dritt ta' kulhadd, figura pubblika o meno, li r-reputazzjoni tieghu tigi rispettata. Ghalhekk kontra dak pretiz mill-atturi, jekk persuna privata tispikka fil-kuntest ta' materja ta' interess pubbliku, bi kliem jew agir da parte taghha, hi tista' tkun suggett ta' kumment u kritika. Fejn imbagahd tkun involuta persuna pubblika, il-limiti tal-kummenti u kritika huma iktar wesghin.

Minn dan isewgi ghalhekk illi jekk l-agir addebitat liz-zewg atturi waqt id-dibattitu in kwistjoni verament sehh, id-dritt

---

[8] Reverendu Joe Borg v. Felix Agius, Citaz. Nru. 1576/99 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Jannar 2003. Is-sentenza tal-Prim' Awla giet revokata fil-mertu izda l-principju dwar il-posizzjoni tal-gornalist bhala figura pubblika ma gietx varjata.

tal-kumment u tal-kritika ma jistax jigi negat. Fil-kaz ta' l-attrici jizdied jinghad illi llum huwa principju stabbilit li gornalist huwa figura pubblika[9] u ghalhekk l-agir taghha, mhux biss fil-vesti professjonali izda anke fil-vesti privata waqt attività pubblika, jista' jkun suggett ghal kritika u kumment, iktar u iktar meta fil-kaz in ezami kienet hi stess li ppublicizzat l-attendenza gha-dibattitu li nzamm l-Università.

Madanakollu però mill-precitat principju johrog element iehor li huwa fondamentali sabiex kumment u kritika fil-konfront ta' persuna – pubblika jew privata – ma jitqiesx li jkun malafamanti w ingurjuz fil-konfront taghha, u cioè li jkun ibbazat fuq fatti sostanzjalment veri. Jekk il-veracità, imqar sostanzjali, tal-fatti ma tigix ippruvata l-iskuzanti tal-*fair comment* u *value judgement* ma tregix.

Din l-osservazzjoni ssib konferma fil-gurisprudenza ormai kopjuza in materja: *biex id-divulgazzjoni bi kwalsiasi mod ta' informazzjoni titqies ezercizzju lecitu tad-dritt liberu ta' l-espressjoni jridu jikkonkorru s-segwenti kondizzjonijiet:- (a) il-verità oggettiva tal-fatti esposti basta li din tkun ir-rizultat ta' ricerka diligenti u serja dwar fatti fil-kompletezza taghhom; (b) l-interess tal-pubbliku li jinghata gharfien tal-fatti; (c) l-korrettezza jew kontinenza ta' l-espressjoni tal-fatti*. *Dan fis-sens illi din tkun tissodisfa l-interess generali tal-konoxxenza tal-fatti determinati ottenuti wara indagini orjentata li taghraf dak li hu ta' rilevanza*. *Meta allura l-kliem attribwit li ntqal mill-attur, jew il-fatti rakkontati fir-rigward tieghu, ma jigux ipprovat ghal dik li hi veracità dan indubbjament inaqqas il-gieh u l-istima f'ghajnejn il-pubbliku in generali*[10].

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Degiovanni et noe v. Mark Lombardo et, Appell Civili Nru. 966/01** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 Novembru 2003, gie osservat illi *jinsab opinat mill-**Gatley** "On Libel and Slander", Seventh Edition, para 719: "A writer may not*

---

[9] Joseph Mifsud v. Daphne Caruana Galizia, Citaz. Nru. 1/94 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' April 2001.

[10] Joseph R. Darmanin v. Gino Cauchi et, Appell Civili Nru. 298/02, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Frar 2004.

*suggest or invent facts, or adopt as true the untrue statements of fact made by others, and then comment on them on the assumption that they are true. If the facts upon which the comment purports to be made do not exist the defence of fair comment must fail"* u b'hekk gie ippuntwalizzat li ghall-iskop ta' l-iskriminanti tal-*fair comment*, *huwa necessarju li l-istampat ikun jikkontjenti mhux il-verità oggettiva tal-fatti izda wkoll il-korrettezza formali ta' l-esposizzjoni taghhom. Huwa impellenti ghalhekk illi qabel il-pubblikazzjoni l-fonti ta' l-istess fatti tigi diligentement valjata ghall-fini ta' l-attendibilità taghhom. Il-fuq specifikati presupposti, tista' tghid, huma konkordament ricevuti fil-gurisdizzjonijiet normalment segwiti mit-tribunali taghna. F'dik Ingliza jinghad illi "to succeed in a defence of fair comment the words complained of must be shown to be (i) comment; (ii) fair comment; and (iii) fair comment on some matter of public interest" (Gatley, op.cit. para. 704). Hekk ukoll fis-sistema guridika Taljana skond decizjoni tal-Qorti tal-Cassazione tal-25 ta' Mejju 2000, Numru 6877, jehtiegu wkoll tliet elementi precizi, u cjoe, li "(i) i fatti esposti sono veri, (ii) vi è un interesse pubblico alla conoscenza del fatto; u (iii) vi sia correttezza formale dell'esposizione che non travilichi lo scopo informativo".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Degiovanni et noe v. Mark Lombardo et, Appell Civili Nru. 966/01** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 Novembru 2003, inghad illi: *huwa ghalhekk car li daqs kemm hija mehtiega l-libertà ta' l-espressjoni, hekk ukoll hija essenzjali u huwa wkoll dritt inaljenabbli, li wiehed jipprotegi l-fama tieghu, bil-mezzi legali kollha disponibbli … kulhadd huwa liberu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu u anke jaghti gudizzju tieghu, però tali espressjoni ma ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti atti lil xi persuna, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni ta' l-istess u l-fama tieghu, meta tali atti lanqas ikunu veri. Illi infatti fis-sentenza* ***"Onor. Charles Buhagiar v. Ray Bugeja"*** *(P.A. N.A. 19 ta' Jannar 1996) inghad li: "Il-linja medjana fejn proprio d-dritt ta' espressjoni libera taccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor; huwa proprio … fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti*

*skorretti". Illi f'dan il-kuntest id-differenza bejn "allegazzjoni ta' fatt" u "comment" hija wahda illum stabbilita fil-gurisprudenza taghna. "F'materja ta' ingurija bl-istampa ghandha ssir distinzjoni bejn "allegation of fact" u dak li huwa "comment". Biex tirnexxi d-difiza tal-verità tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-"comment" biex ikun gustifikat irid ikun "fair and bona fide" u ma jistax ikun "fair u bona fide" jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru" (**"Reginald Miller v. Harold Scory"** – XXXVI.iv.843). Illi ghalhekk ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-"fair comment" "jekk ma jigux ippruvat sodisfacentement il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi d-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista' jkun hemm 'fair comment' (**"Anglu Camilleri v. Anthony Zammit,** Vol. XI.IV.1195; **"Dr. Joseph M. Ciappara v. Joseph Zammit"** JSP, Citaz. Nru. 929/90 – 3 ta' Ottubru 1991). Illi sabiex isir dan l-ezami wiehed irid jiehu l-kliem fis-sens normali u ordinarju taghho, u dan ifisser "in the meaning which reasonable or ordinary men of ordinary intelligence with the ordinary man's general knowledge and experience of world affairs, would be likely to understand them", dan jista' jinkludi "an implication or inference which a reasonable reader guided not by any special but only general knowledge and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the word". **("Jones v. Skelton"** (1963) W.L.R. pg. 1371 (P.C)).*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Etienne Bonello DuPuis noe v. Alfred Grixti, Appell Civili Nru. 778/01** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-15 ta' Dicembru 2003, saret referenza ghas-sentenza **Lino Debono v. Saviour Balzan**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' April 2001, biex mill-gdid jigu puntwalizzati l-principji regolaturi w applikabbli: *id-dritt ta' kritika ma ghandux jissarraf f'licenzja da parti ta' min jaghmel il-kritika li jaddebita fatti li ma jkunux sostanzjlament veri u korretti. Min ilissen diskors malafamanti kellu, biex jezimi ruhu minn kull responsabilità, jkun f'posizzjoni illi jipprova li tali malafama fil-forma ta' kumment kritiku kienet tirreferi ghal u tkun marbuta ma' fatti li jkunu sostanzjalment veri. Il-prova f'dan ir-rigward tal-verità tal-fatti ma setghetx allura tkun*

*incerta jew approssimattiva ghax altrimenti ma tohloq xejn hlief innuendo u dubbju. … Il-gurisprudenza ewropeja ma abbandunatx il-massima sagramentali li l-fatti huma sagri u l-kummenti huma veri. Jekk xejn illustrathom sal-punt illi tezigi biss illi l-fatti jkunu sostanzjalment veri filwaqt li estendenti u ghadha qed testendi l-parametri tal-limiti tal-kumment specjalment fil-konfront ta' persuni fil-hajja pubblika u f'materji ta' interess pubbliku anke lil hinn sewwwa minn dak li kien qabel accettat bhala legittimu … trid biss tafferma l-principju illi l-libertà ta' l-istampa ma timplikax licenzja ghall-ingurja b'addebiti ta' fatti foloz intizi biex ihammgu l-fama u l-integrità ta' haddiehor u pubblikati minghajr l-icken sforz ta' verifika … f'cirkustanzi konsimili, id-difiza tal-kumment gust tisfuma ghax kif inhu logiku "the defence of fair comment does not extend to cover mis-statement of facts, however 'bona fide'.*

Fir-rigward tal-*value judgement*, ossia opinjoni, u kif tali *value judgement* jiddistingwi ruhu minn *fair comment*, fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel Attard et noe v. Felix Agius, Citaz. Nru. 851/97** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' April 2001, inghad illi *hemm differenza f'li tghid li persuna jew gazzetta hi biased favur xi hadd (ghax thoss li ghandha taghmel hekk), u li tghid li din qed tigi manipulata minn xi haddiehor. Fl-ewwel kaz hija kwistjoni ta' opinjoni u wiehed jista' jaqbel jew ma jaqbilx maghha, izda meta tghid li persuna jew gazzetta qed tigi manipulata dan huwa statement of fact u mhux value judgement u ghalhekk dan il-fatt irid ikun veru u jrid jigi pruvat bhala tali biex wiehed ikun jista' jigbed il-konkluzzjonijiet tieghu fuqu.*

Minn ezami u konsiderazzjoni tal-provi prodotti mill-partijiet kontendenti, inkluzi l-filmati u ritratti esebiti mill-konvenut[11], fid-dawl tal-principji guridici appena citati, il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li filwaqt illi l-ilmenti u konsegwenti pretensjonijiet ta' l-attur Paul Caruana Galizia fil-konfront tal-konvenut huma infondati, l-ilmenti u konsegwenti pretensjonijiet ta' l-attrici Daphne Caruana Galizia fil-konfront tal-konvenut huma fondati u gustifikati.

[11] Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 39 tal-process u Dok. "FK" a fol. 89 tal-process.

Ghal dak li jirrigwarda l-posizzjoni ta' l-attur Paul Caruana Galizia jigi osservat li apparte l-fatt li l-agir addebitat lilu gie sodisfacentement ippruvat bil-filmati tad-dibattitu esebiti mill-konvenut[12], l-istess Paul Caruana Galizia jammetti li lil cameraman partikolari qallu *biex jitlaq 'l hemm u mhux b'ton pulit* u li lissen fil-konfront tieghu l-kliem citati fl-artikoli in kontestazzjoni[13]. Ladarba waqt attività pubblika l-attur effettivament kellu r-reazzjoni rappurtata u kkritikata fl-artikoli in kontestazzjoni, ma jistax issa jippretendi li gie ingurjat b'dak riportat dwaru anke jekk ir-reazzjoni tieghu skattat ghaliex hassu urtat mill-fatt li hu w ommu kienu l-mira tal-filmati li kien qed jigbed il-cameraman in kwistjoni.

Is-sitwazzjoni però hi ghal kollox differenti ghal dak li jirrigwarda l-attrici Daphne Caruana Galizia ghaliex dak riportat dwarha mill-gurnal elettroniku maltastar.com fl-artikoli kontestati ma giex ippruvat, u ghalhekk id-difiza tal-*fair comment* u *value judgement* sollevata mill-konvenut ma tistax tregi.

Fl-artikolu intitolat "*Daphne loses temper, threatens journalists during Campus debate*"[14] gie rapportat is-segwenti: *PN apologist columnist, cum PN strategist, Daphne Caruana Galizia lost her temper and threatened two journalists as soon as she realised she was being filmed and photographed during the leaders' debate on Campus, during which she was shouting and heard passing disparaging remarks against Labour Leader, Dr. Alfred Sant … On Sunday, in her Malta Independent column Daphne, who revels in lambasting the Labour leader, announced that her 'youngest son, who has just started driving, is taking me out. He has invited me to a debate at the university'. Yet, Daphne seems to believe that it is only her sacrosanct right to vomit on others through her weekly column, since when faced with a camera she started shouting 'Hey you stop taking pictures now, stop taking pictures you!' while putting her hand in*

---

[12] Dok. "FK" a fol. 89 tal-process.
[13] Vide xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta tad-29 ta' April 2009.
[14] Dok. "B" a fol. 2 u 3 tal-process.

*front of maltastar.com lenses … The same organisers were seen on various occasions shushing Daphne and the persons accompanying her from shouting and passing denigrating comments*.

Fl-artikolu intitolat "*PN strategists behind university thuggery*"[15] gie rapportat is-segwenti: *The Nationalist Party was behind the crowds which mobbed party leaders during a debate on campus and shouted "Gonzi Gonzi" while hurling insults at other party leaders. maltastar.com is informed that the Nationalist Party organised a crowd of some 100 students who encouraged other students to fill the Sir Temi Zammit hall early to support Gonzi and disrupt Harry Vassallo, Josie Muscat and Alfred Sant. The rent-a-mob wore nationalist party scarves and were chanting "nazzjonalisti, nazzjonalisti", hurling abusive language at the three party leaders except at Gonzi. University sources said that the small organised crowd was composed mainly of law students, among them the son of a prominent minister in Gonzi's cabinet. The hi-jacking of the event was so organised by the Nationalist Party that columnist and PN apologist Daphne Caruana Galizia said she would be attending the day before in her weekly column on a local newspaper. In fact, she was there accompanied by her sister and young son. Despite announcing she would be present, Ms. Caruana Galizia was so irked by journalists taking pictures of her that she started shouting at them demanding that they stop. When a ONE news camera person started filming her, Paul Caruana Galizia, her 18 year old son, rose from his chair and insulted the journalists screaming, "fuck off, fuck off dude, fuck off". His mother, Daphne, known for regularly insulting Labourites by calling them hamalli (rabble) did not utter one single word to stop her son from hurling abuses at camera persons doing their journalistic duties…*

Ghalkemm fiz-zewg artikoli jinghad illi l-attrici bdiet tghajjat u thedded zewg gornalisti li kienu qed jiehdu ritratti u jigbdu filmati taghha, mill-provi prodotti u partikolarment mill-filmati li gew esebiti mill-konvenut[16] (liema filmati,

[15] Dok. "Z" a fol. 20 sa' 22 tal-process.
[16] Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 39 tal-process u Dok. "FK" a fol. 89 tal-process.

inkluza l-versjoni integrali ta' ben hamsin minuta filmat[17], gew vizjonati mill-Qorti) tali agir da parte ta' l-attrici assolutament ma jirrizultax. Huwa veru li hemm ritratt minnhom li juri lill-attrici b'idha imtella mal-lenti ta' *camera* izda b'daqshekk ma jfissirx u lanqas jista' jigi assunt li kienet qed tghajjat ma u/jew thedded lill-gornalist kif riportat mill-gurnal elettroniku maltastar.com. Lanqas ma jirrizulta dak affermat mill-konvenut in sostenn ta' dak rapportat fl-artikoli kontestati, li *hin minnhom Daphne Caruana Galizia bdiet tghajjarni u bdiet tghidli hey big man, hey big man stop taking pictures. Naturalment jien hadtha bhala tghajjira peress li l-istatura tieghi m'hix wahda daqstant kbira…*[18]

Fid-dawl tal-principji iktar 'l fuq citati, partikolarment tal-principji li jistabilixxu x'ghandu u x'jista jitqies bhala *fair comment*, huwa ferm evidenti li fil-kaz in ezami din l-iskuzanti ma tistax tregi ghaliex kjarament il-kummenti fl-artikoli imsemmija huma *allegation of fact* u mhux *comment* peress illi bbazati fuq fatti u agir li veracità taghhom ma gietx ippruvata.

Fil-fehma tal-Qorti lanqas jista' jinghad illi fl-artikoli in kwistjoni, partikolarment fl-artikolu intitolat "*PN strategists behind university thuggery*", dak li nghad dwar l-attrici huwa *value judgement*. Huwa fatt maghruf li l-fehmiet politici ta' l-attrici huma in konflitt ma' dawk tal-Partit Laburista u li tikkonribwixxi regolarment artikoli f'gazzetti lokali fejn tesprimi opinjonijiet kontrastanti mall-principji laburisti, izda b'daqshekk ma jfissirx li l-attrici kienet organizzatrici jew kompartecipi f'dak li il-gurnal jsejhilha *university thuggery* u ghalhekk dak il-kumment espress dwarha ma huwiex opinjoni jew *value judgement* izda mill-gdid allegazzjoni li ma gietx ippruvata b'mod sodisfacenti.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib li l-artikoli "*Daphne loses temper, threatens journalists during Campus debate*" u "*PN strategists behind university thuggery*", ippubblikati fil-gurnal elettroniku maltastar.com fl-20 ta' Frar 2008, ma

[17] Dok. "FK" a fol. 89 tal-process.
[18] Xhieda moghtija mill-konvenut waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2009, fol. 36 sa' 38 tal-process.

humiex malafamanti u ingurjuzi fil-konfront ta’ l-attur Paul Caruana Galizia, izda huma malafamanti u ingurjuzi fil-konfront ta’ l-attrici Daphne Caruana Galizia.

L-Artikolu 28(1) tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li *fil-kaz ta’ malafama b’xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta’ dan l-Att, li l-ghan taghha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta’ xi persuna, il-qorti civili kompetenti tista’ minbarra d-danni li jistghu jintalbu taht xi ligi li tkun fis-sehh f’dak iz-zmien dwar telf jew hsara attwali, taghti lill-persuna offiza somma ta’ mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).* Minn dan l-artikolu tal-Ligi johrog car li l-likwidazzjoni tad-danni li ghandhom jigu akkordati hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li ghandha ghal dan il-fini tiehu in konsiderazzjoni l-gravità tal-kaz li jkun quddiemha.

Fil-kaz in ezami l-Qorti hi tal-fehma li l-kumpens dovut lill-attrici in linea ta’ danni minhabba l-malafama w ingurija kawzati bl-artikoli kontestati ghandu jkun fis-somma ta’ €1,400.00.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi:

1. Tichad it-talbiet ta’ l-attur Paul Caruana Galizia;

2. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut kif diretti fil-konfront tat-talbiet ta’ l-attrici Daphne Caruana Galizia;

3. Tilqa’ t-talbiet ta’ l-attrici Daphne Caruana Galizia u tiddikjara li l-artikoli intitolati “*Daphne loses temper, threatens journalists during Campus debate*” u “*PN strategists behind university thuggery*”, ippubblikati fil-gurnal elettroniku maltastar.com fl-20 ta’ Frar 2008, huma malafamanti w ingurjuzi fil-konfront taghha, tillikwida kumpens lilha dovut in linea ta’ danni ai termini ta’ l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta’ Malta, fis-somma ta’ €1,400.00, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-imsemmija somma ta’ €1,400.00, bl-imghax legali dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri, hlief dawk relattivi ghall-attur Paul Caruana Galizia li ghandhom jigu sopportati minnu stess, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------